

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

25.9.2007

B6-0367/2007

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

impressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjonijiet mill-Kunsill u mill-Kummissjoni

skond l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura

minn Karl von Wogau, Stefano Zappalà, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Bogdan Klich u Hubert Pirker

f'isem il-Grupp PPE-DE

dwar il-ħidma ta' l-ESDP fiċ-Chad u fir-Repubblika ta' l-Afrika Ċentrali (CAR)

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-ħidma ta' l-ESDP fiċ-Chad u fir-
Repubblika ta' l-Afrika Ċentrali (CAR)**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-kunflitt fid-Darfur u l-impatt reġjonali aktar fil-wisa' b'mod partikulari l-parti tal-Lvant taċ-Chad u l-parti tat-Tramuntana tar-Repubblika ta' l-Afrika Ċentrali (CAR),
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni tat-23-24 ta' Lulju 2007, li jitolbu *"lill-korpi kompetenti tiegħu biex ikomplu jippjanaw bil-ħsieb għal deċiżjoni possibbli dwar ħidma ta' ravviċinament, fil-qafas tal-Politika għas-Sigurtà u d-Difiża Ewropea, b'appoġġ għal preżenza multi-dimensjonali tan-NU fiċ-Chad tal-Lvant u fir-Repubblika ta' l-Afrika Ċentrali tal-Grigal bil-għan li s-sigurtà* □ *titjeb f'dawk l-inħawi"*,
 - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà □ tan-NU 1769(2007) tal-31 ta' Lulju 2007 li twaqqaf, għall-perjodu inizjali ta' 12-il xahar, ħidma Ibrida UA/NU fid-Darfur (UNAMID),
 - wara li kkunsidra l-laqgħa f'Arusha dwar il-paċi fid-Darfur, li saret bejn it-3 u s-6 ta' Awissu 2007,
 - wara li kkunsidra l-iffirmar fi N'Djamena fit-13 ta' Awissu 2007, fil-preżenza tal-komunita □ internazzjoni u tal-Kap ta' Stat taċ-Chad, il-President Idriss Deby Itno, tal-ftehma politika bi l-għan li l-proċess demokratiku fiċ-Chad jiġi rinfurzat mill-partiti politiċi kollha taċ-Chad, kemm dawk fil-maġġoranza kif ukoll dawk fl-oppożizzjoni,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni Presidenzjali tas-27 ta' Awissu 2007 tal-Kunsill tas-Sigurtà □ tan-NU li tikkonferma l-preparazzjoni tiegħu biex iwaqqaf missjoni tan-NU fiċ-Chad u biex jilqa' l-intenzjoni ta' l-UE li tipprovdi appoġġ fil-forma ta' missjoni militari ta' l-ESDP,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2007 dwar is-sitwazzjoni fid-Darfur,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. huwa estremament imħasseb dwar il-fatt li s-sitwazzjoni umanitarja fiċ-Chad sejra għall-aġar fejn, minħabba l-kunflitt fid-Darfur u l-konsegwenza transkonfinal ta' dan, 238,000 refuġjat mis-Sudan, 44,600 refuġjat mir-Repubblika ta' l-Afrika Ċentrali u 170,000 persuna spustata internament (IDPs) huma ospitati fi 12-il kamp tul il-fruntiera tal-Lvant taċ-Chad mas-Sudan,
- B. huwa mħasseb dwar is-sitwazzjoni tas-sigurtà □ fil-parti tal-Lvant taċ-Chad li ddeterjorat mill-2006 minħabba l-kunflitti bejn il-forzi tas-sigurtà □ taċ-Chad u r-ribelli taċ-Chad u l-

inkursjonijiet tal-milizzja Janjaweed u l-gruppi armati mis-Sudan, u ma' dawn jistgħu jiżdiedu brigantaġġ u attakki fuq organizzazzjonijiet umanitarji,

- C. jilqa' r-Risoluzzjoni tas-Sigurta tan-NU 1769(2007) li tawtorizza li tintbagħat truppa ta' l-UA/NU magħmula minn 26,000 suldat fid-Darfur, li se tikkontribwixxi biex tippaċifika r-reġjun kollu fir-rigward tat-twaqqif ta' forza ta' l-ordni tan-NU u l-ħidma ppjanata ta' l-ESDP fil-parti tal-Lvant taċ-Chad u l-parti tat-tramuntana tar-Repubblika ta' l-Afrika Ċentrali,
 - D. jappoġġja l-isforzi tas-Segretarju Ġenerali Ban Ki-Moon biex isib soluzzjoni ta' negozjar għall-kunflitt fid-Darfur billi jipromwovi kuntatti bejn l-awtoritajiet Sudaniżi u l-gruppi ribelli differenti,
 - E. jilqa' l-iffirmar, fi N'Djamena fit-13 ta' Awissu 2007 mill-partiti politiċi kollha taċ-Chad, ta' fteħima politika bi l-għan li l-proċess demokratiku fiċ-Chad jiġi rinforzat,
 - F. jieħu nota ta' l-isforzi mit-tmexxija Libjana biex tinstab soluzzjoni għall-kunflitt intern fiċ-Chad mal-gruppi li ma ffirmawx il-fteħima preċedenti,
1. Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lin-NU biex jikkoordinaw l-isforzi tagħhom sabiex joħolqu l-kundizzjonijiet li jippermettu lill-partijiet differenti fil-kunflitt fir-reġjun il-wiesa' tad-Darfur/iċ-Chad tal-Lvant/ir-Repubblika ta' l-Afrika Ċentrali tat-Tramuntana biex isibu soluzzjoni politika li ġġib fit-tmiem l-insikurezza u d-diżastru umanitarju sussegwenti, u b'hekk ikun faċilitat ir-ritorn tar-refuġjati u tal-persuni spustati internament lejn il-villaġġi ta' oriġini tagħhom;
 2. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għat-tnedija ta' ħidma ta' l-ESDP fil-parti tal-Lvant taċ-Chad u fil-parti tat-Tramuntana tar-Repubblika ta' l-Afrika Ċentrali, li se ddum sena, iżda l-kunsens tiegħu jingħata bil-kundizzjoni li jiġu sodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) il-missjoni tat-truppa Ewropea (EUFOR) trid tkun li tappoġġja l-attivitajiet umanitarji u li toħloq il-kundizzjonijiet għal ambjent sikur għall-ħidma tal-forza ta' l-ordni, għar-ritorn tal-persuni spustati internament u għat-tkomplija tad-djalogu bejn il-forzi politiċi fir-reġjun,
 - (b) filwaqt li hemm antiċipat li l-forzi Franċiżi se jkunu l-parti l-kbir tal-kontinġent ta' l-UE, huwa estremament importanti li l-EUFOR tkun meqjusa imparzjali u mhux estensjoni tal-kapaċitajiet militari Franċiżi fir-reġjun,
 - (c) fl-istess ħin, u sabiex ikun evitat li hi stess issir mira, il-EUFOR għandha tibqa' newtrali fir-rigward tas-sitwazzjoni politika kumplessa fir-reġjun billi tirrifjuta li tkun involuta fi għlied bejn l-awtoritajiet tal-gvern u l-gruppi ribelli,
 - (d) Il-EUFOR trid tkun ta' deterrent, li jfisser li jrid ikollha mandat b'saħħtu skond il-kapitolu VII tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti kif ukoll regoli ċari ta' involviment li jippermettu l-użu ta' forza meta jkun meħtieġ, speċjalment fil-każ ta' attakki kontra ċittadini, akkampamenti u villaġġi, ħaddiema umanitarji, uffiċjali tal-pulizija tan-NU, u fil-każ ta' awto-difiża,

- (e) il-EUFOR għandha tiskoraġġixxi kwalunkwe aggressur potenzjali billi jkollha n-numru neċessarju ta' truppi u għandha tkun ekwipaġġata b'mod adegwat. Għandha tkun kapaċi tiżgura l-linji ta' forniment tagħha u tikkonduċi għassa fuq estensjoni kbira b'vetturi armati, elikopters (inklużi kemm dawk ta' trasport kif ukoll dawk ta' attakk) u ajruplani ta' rikonjizzjoni;
 - (f) Il-EUFOR għandha tkun ikkunsidrata bħala "forza ta' ravviċinament" b'mandat temporanju. Għalhekk, għandha tiġi definita strateġija ċara ta' tmiem qabel ma tibda l-implimentazzjoni, u din għandha tqis bil-quddiem ir-rimpjazzament tal-EUFOR b'bidma suċċessiva (UA, NU jew forza ibrida) sabiex ikun hemm provvedimenti għat-tmiem b'suċċess tal-mandat tagħha u r-ritorn fil-ħin tat-truppi involuti;
3. Jenfasizza li l-approvazzjoni finali tal-ħidma se tkun suġġetta għall-informazzjoni sħiħa tal-fażijiet differenti tal-preparamenti tal-ħidma (Il-Kunċett ta' Mmaniġġjar fi Kriżi, Azzjoni Konġunta, Il-Kunċett ta' Ħidmiet, Pjan ta' Ħidma u l-Proċess ta' Ġenerazzjoni tal-Forza);
 4. Jiddispijaċih li din il-ħidma ta' l-ESDP ma tistax tiġi kondotta, għal bosta raġunijiet, miċ-ċentru ta' ħidmiet ta' l-Unjoni Ewropea li ġie mwaqqaf dan l-aħħar fi Brussell; jispera li din is-sitwazzjoni se tinbidel bit-Trattat il-ġdid ta' Riforma li għandu jagħmel l-ESDP aktar effiċjenti;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, u lill-Presidenti, lill-Gvernijiet u lill-Parlamenti taċ-Chad, tar-Repubblika ta' l-Afrika Ċentrali, u tas-Sudan.